**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 13 ta' Mejju, 2019**

**Rikors Guramentat Nru: 1166/2018 AF**

**Multi Packaging Limited**

**vs**

**Stainless Steel Products Limited**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-kumpannija Multi Packaging Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Permezz ta' diversi ordnijiet maghmula fi zminijiet differenti li jahbtu bejn ix-xahar ta' Gunju tas-sena elfejn u tmintax (2018) u x-xahar ta' Novembru tas-sena elfejn u tmintax (2018), il-konvenuta inkarigat lill-attrici sabiex timmanifattura u tipproduci diversi prodotti konsistenti minn kaxex tal-kartun, *sleeves*, *inserts* kif ukoll materjal iehor ta' ppakkeggar.

L-atttrici debitament wettqet u esegwiet l-ordnijiet maghmula lilha mill-konvenuta.

B'konsegwenza tal-premess, il-konvenuta hija debitrici tal-attrici fis-somma komplessiva ta' mija tnejn u erbghin elf sitt mija tlieta u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€142,693.49), u dan in kwantu ghas-somma ta' mija tmienja u ghoxrin elf tnax-il Ewro u disgha u disghin centezmu (€128,012.99) ghal ordnijiet esegwiti u konsenjati lill-konvenuta, u in kwantu ghas-somma ta' erbatax-il elf sitt mija u tmenin Ewro u hamsin centezmu (€14,680.50) ghal ordnijiet esegwiti mill-attrici u li s'issa l-konvenuta ghadha ma talbitx il-konsenja taghhom.

Il-konvenuta, minkejja li giet debitament interpellata, ma hallsitx.

Sa fejn taf l-attrici, il-konvenuta m'ghandha ebda eccezzjoni x'taghti kontra t-talbiet tal-attrici.

Ghalhekk qed issir din il-kawza.

Joseph Grixti, debitament awtorizzat jirrapprezenta lill-attrici fi proceduri gudizzjarji, jiddikjara li jaf il-fatti fuq premessi personalment.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tisma' u tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur tal-Artikolu 167 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

2. Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attrici s-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf sitt mija tlieta u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€142,693.49).

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-mandat ta' sekwestru li qed jigi ntavolat kontestwalment, u bl-imghax kummercjali dekorribbli, mill-wiehed u tletin (31) t'Ottubru tas-sena elfejn u tmintax (2018) sal-jum tal-hlas effettiv, kontra l-konvenuta, u bl-

ingunzjoni ghas-subizzjoni tar-rapprezentanti taghha fi proceduri gudizzjarji.

Rat li, minkejja li saret id-debita notifika skond il-ligi, s-socjetà intimata baqghet ma wegbitx. Lanqas ma deher ir-rapprezentant taghha fil-Qorti.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba; u

2. Tilqa' t-tieni talba u tikkundanna lil Stainless Steel Products Limited thallas lil Multi Packaging Limited is-somma ta' mija u tnejn u erbghin elf sitt mija tlieta u disghin Ewro u disgha u erbghin centezmu (€142,693.49) bl-ispejjez u imghaxijiet kif mitlub fir-rikors promotur.

L-ispejjez jithallsu minn Stainless Steel Products Limited.

IMHALLEF

DEP/REG